Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2575

27.9.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2575

## tat-23 ta’ Settembru 2024

## li taħtar membru, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta’ Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta’ awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fis-17 ta’ Jannar 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2022/87 ([2]), li taħtar erba’ membri, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Is-Sur Dario NARDELLA nħatar bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-25 ta’ Mejju 2024. Konsegwentement, sar vakanti s-siġġu ta’ membru fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Matteo LEPORE, rappreżentant ta’ korp lokali li għandu mandat elettorali ta’ awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Bologna* (Sindku ta’ Bologna), bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Matteo LEPORE, rappreżentant ta’ korp lokali li għandu mandat elettorali, *Sindaco del Comune di Bologna* (Sindku ta’ Bologna), huwa b’dan maħtur bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta’ Jannar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta’ Settembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

FELDMAN Z.

---

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/852/oj.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/87 tas-17 ta’ Jannar 2022 li taħtar erba’ membri, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 14, 21.1.2022, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2022/87/oj).